# LAQGHA TAL-LOKALITA' 2012

**Minuti tal-laqgħa tal-lokalita' 2012 li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Frar 2012**
**Fis-Sala Joe Tabone fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Nadur**
**Il-Laqgħa bdiet fis-7:30 ta' filgħaxija**

------------------------------------------------------------------------------------------------------

Prezenti għal-laqgħa kien hemm is-sindku, Miriam Portelli li mexxiet il-laqgħa, il-viċi sindku, Charles Said, il-kunsilliera Maria Natoli, Jonathan Buttigieg, Dr. Rita Mifsud u s-Segretarju Ezekuttiv Rita Mifsud Attard u sitt residenti minn Nadur .

Is-Sindku bdiet il-laqgħa bit-talba u tat rendikont tax-xogħol li sar matul is-sena 2011. (Rapport meħmuz). Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsilliera, membri tas-sotto kumitati u voluntiera kif ukoll il-ħaddiema tal-Kunsill għax-xoghol siewi li ssir minnhom għal ġid tal-lokalita'.

Budget 2012. Is-Sindku infurmat lir-residenti prezenti li dan il-Kunsill diġa għadda l-budget għas-sena 2012 kif mitlub mil-liġi. Dan issa jitkompla jitwettaq mill-Kunsill il-ġdid f'April.

Ir-Resident Christian Farrugia staqsa jekk il-Kunsill jistax iħallas l-ispiza tal-PPP (resurfacing ta' toroq li sar taħt din l-iskema) qabel it-tmien snin kif hemm stipulat fil-kuntratt. Il-Kunsill wieġeb li dan il-kuntrattur ser jibqa risponsabbli għal dawn it-toroq matul dawn it-tmien snin u għalhekk ma jkunx għaqli li jitħallas qabel.

Christian Farrugia staqsa wkoll hemmx ħsieb li jsir upgrading tal-website tal-Kunsill. Il-Kunsill il-ġdid jkun jista jagħmel dan.

.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 p.m.

**Miriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju Ezekuttiv**